# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tat-tletin (30) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tnejn 22 ta' Novembru, 2010 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

*Skużat:* Stephen Mizzi Kunsillier

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa preċendenti ma tqassmux għaliex kienu għadhom neqsin minn stqarrijiet ta' uħud mil-Kunsilliera.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ma ġewx approvati minħabba li ma kienux available.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

4. **Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

1. Is-Sindku qal lil sħabu u qallhom li bħalma tafu għandna daqsxejn ta' problema rigward il-ħruġ tal-permessi minn Trasport Malta għaliex l-awtorità kellha titħallas xi multa mill-kuntrattur l-Asfaltar Ltd u għalhekk qed iżommlu l-ħruġ tal-permessi sabiex jibda' jagħti t-tarmak fuq toroq fil-lokalita. Is-sindku qal li ma jistax jifhem kif din il-ġimgħa stess, l-istess kuntrattur ingħata l-permessi biex jibda' jaħdem fuq rikostruzzjoni tat-toroq ġewwa l-Qrendi kif ukoll l-istess Asfaltar Ltd ingħata l-permessi minn TM biex jagħmel trinka fiz-zona ta' Bulebel. Is-Sur Pawlu Magro informa lis-sindku illi l-multa hija biss ta' €50 u tidher assurda li meta mar biex ħallas il-multa biċ-ċekk jew b' cash, it-TM ma aċċettatx il-ħlas għaliex il-proċedura titlob illi l-kuntrattur ikollu l-bid bond ta' tlettax il-elf ewro mnaqqsa bl-ammont ta' €50 waqt li l-kuntrattur ikollu jerġa' jħallas bid bond sħiħ, liema ħlas fil-bank iwassal għal aktar dewmien b' aktar spejjeż. Is-Sur Mario Salerno qal li ma jistax jifhem kif inżammu l-permessi fuq xogħol ta' Ħal Kirkop waqt li nħarrġu l-permessi lil kuntrattur f' bnadi oħra. Is-Sindku qal li kellu jinforma lil Ministru Austin Gatt b'dan l-episodju biex jiċċaqalqu l-affarijiet!

2. Is-Sindku informa lil kunsilliera illi nħareġ il-permess tal-binja tal-kunsill. Hu qal li Joe Carbone mal-ħaddiema tal-IPSL qed jaħdmu fuq il-madum tat-taraġ. Kienet biċċa xogħol diffiċli għaliex il-konkos tat-taraġ kien mibrum u għalhekk kellhom jillimaw il-konkos immewweġ biex jagħmlu taraġ miksi kif suppost.

3. Is-Sindku semma wkoll li kien importanti li by-law li kien ħareġ il-kunsill tkun implimentata b' mod li tiżgura li min qed jisponsorja xi xogħol fuq is-soft areas bħal dawk ta' wara ċ-ċimiterju u ta' ħdejn il-mina, jkunu mħarsa b'mod sodisfaċenti. Is-Sindku qal li kien ippreżenta abbozz ta' ftehim fejn qed ikun miftiehem maintenance u

upkeeping ta' soft areas minn Ricky Caruana. Il-ftehim inqara' u intlaħaq fehim minn kunsilliera kollha preżenti sabiex l-art tinħadem u tinżamm fuq bażi ta' tlett snin u matul dan il-perjodu, kull inizjattiva fuq is-sit ikun kommunikat dejjem lis-Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill. Kulħadd qabel li jkun hemm ftehim iffirmat minn Ricky Caruana u mis-Segretarju Eżekuttiv Ranier Busuttil u s-Sindku Mario Salerno.

4. Is-Sindku semma wkoll li għal seba' darbiet kellu jmur l-agenzija tal-pagamenti tal-MRRA biex id-disinji u l-bill of quantities tal-proġetti 313 u 323 – ta' Pjazza Żernieq, il-katakombi u l-Mgħatla jkunu mogħdija lil awtorità. Is-Sindku qal li hija ħasra li minn naħa tal-gvern ma fthemx l-importanza li jkollna ġiebja kbira fil-Pjazza Żernieq biex jinħażen l-ilma tax-xita li jinżel bil-qliel fin-naħa tal-kulleġġ San Benedettu. Is-Sindku qal li l-adjudication board kien tal-fehma li l-flus tal-Unjoni Ewropeja jintefqu fuq proġett li jidher u bħal ġiebja billi ma tidherx mhix ikkunsidrata bħal asset ta' valur estetiku. Mario Salerno qal li l-board tal-għażla kien aktar tal-fehma li jintefqu flus fuq id-dehra milli fuq in-neċessità tal-proġett. Mario Salerno u s-Segretarju Eżekuttiv Ranier Busuttil ħadmu bla qattiegħ biex jippreżentaw id-dokumenti miltuba wara li kienu ivetjati u amendati mill-Perit Anthony Bezzina. Is-Sindku qal li bit-tmien mitt elf ewro se jagħmlu biss parti mill-proġetti ta' Pjazza Żernieq, tal-katakombi u tal-mgħatla. Id-differenza ta' €2.3 miljun se jipprova l-kunsill japplika għall-fondi oħra taħt skema oħra tal- UE. Mario Salerno qal li se jagħti aktar informazzjoni fuq meta jintalab biex jagħmel il-kuntratt fuq il-miżuri tal-323 u 313.

5. Is-Sindku qal li minkejja kull diffikulta, qatt u qatt ma għandna naqtgħu qalbna. Hemm ħtieġa li kulħadd iħares il-quddiem u naħdmu aktar speċjalment f' mumenti diffiċli.

Mario Salerno qal li hemm proġetti sejrin bħal dak tas-sostenibilità soċjali fejn tfal qegħdin jingħataw għajnuna fl-istudji tagħhom u t-tfal qegħdin jieħdu gost bl-ikel mogħti lilhom. Hemm il-proġett tal-ESF fejn numru sabih ta' adulti qegħdin jattendu b' entużjasmu korsijiet differenti fil-qasam tal-kompjuter. Hemm parteċipazzjoni ta' adulti f' Birkirkara, San Gwann, Marsaskala, Żurrieq u Ħal Kirkop. Is-Sindku qal li hu sodisfazzjon kbir li l-akbar ammont ta' parteċipanti qegħdin jitgħallmu f'Ħal Kirkop. Mario Salerno semma wkoll li hemm parteċipazzjoni kbira fl-aerobics u dan in-numru se jikber speċjalment fost in-nisa. Is-Sur Salerno semma wkoll illi hemm applikazzjoniijiet għaddejin bħalissa biex ikun hemm korsijiet varji f' diversi oqsma bħal tagħlim u taħriġ fil-qasam tal-piroteknika, terapija taż-żwiemel, child care carers u oħrajn bħal martial arts. Meta jkun hemm xi konferma minn naħa tal-awtorita, irridu dejjem napplikaw għal-cofinancing tal-MEUSAC. F' dawn il-korsijiet, il-bulk tax-xogħol ikun fuq il-kunsill tagħna bħala project leader. Mario Salerno qal li veru li jinħoloq ħafna pressjoni ta' xogħol fuq il-ħaddiema tagħna imma dawn huma opportunitajiet li nħarġu issa u għada jista' jkun tard wisq biex inkunu benefiċjarji minn skemi li jixprunaw inizjattivi favur il-ġid kommuni tar-raħal.

6. Is-Sindku qal li fis-seduta tal-lum, irridu niddeċiedu u nevalwaw tenders li bihom irridu nwettqu x-xogħol li jvarja minn air-conditioners għal restawrar tal-istatwi u tan-niċeċ. Dejjem irridu nżommu f' moħħna illi sa l-ewwel ta' Frar, 2011 irridu nlestu xogħol fil-kunsill il-ġdid sabiex inġorru minn fejn qegħdin noperaw bħalissa għal kunsill il-ġdid. Rigward ir-restawrar fuq in-niċeċ irridu inlestu xogħol sa l-aħħar ġimgħa ta' Mejju, 2011. Mario Salerno qal li huwa importanti li sa Jum Kirkop 2011, ix-xogħol fuq l-infrastruttura ikun lest - toroq lesti, traffic signs, community center, kunsill gdid, preparazzjoni għall-irkottafest 2011, il-pitch tal-boċċi, sports complex u sports facilities ġodda.

7. Is-Sindku qal ukoll illi qabel il-Milied issir laqgħa biex tigbor l-għaqdiet kollha tar-raħal u b' hekk inkunu nafu x' jistgħu jagħtu kontribut lejn l-Irkottafest 2011. Wara li nisimgħu minn għandhom il-feedback, nibdew infasslu l-parametri tal-avveniment.

8. Is-Sindku qal li hu imperattiv li jitwettaq kull suġġeriment tal-awditur u Mario Salerno stqarr illi dan ix-xahar irid ikun iventarjat l-għamara kollha tat-toroq tagħna. Mario Salerno qal li Charmaine se tibda' twettaq l-inventarju fuq street furniture sa mill-bidu ta' Dicembru,2010. Mario Salerno informa lil kunsilliera li jekk dan ma jsirx sa l-aħħar tas-sena, il-kunsill jeħel 1% penali. Min jonqos minn għemilu, jriedu jerfa r-responsabiltà.

9. Mario Salerno qal li għadna nistennew xi fondi mill-UIF sabiex inkunu nistgħu inħallsu l-ispiża tal-playing field il-ġdid. Mario Salerno staqsa jekk kienux jafu b' xi persuna li hu interessat li jixtri l-bandli l-qodma u ż-żurżieqa li ma tmurx mal-equipement ġdid li ordna l-kunsill. Mario Salerno qal li Stephen Mizzi kien qed jikkordina l-ħidma mal-kuntrattur li rebaħ it-tender hu maħsub li sa l-aħħar ta' Dicembru ikun hemm progress fuq dan il-proġett.

10. Is-Sindku qal li kienu qed jistennew il-kuntrattur tal-lifts biex jinstalla l-lift għal community center. Mario Salerno qal li l-lift tal-kunsill il-ġdid hu merfuħ għand il-kuntrattur u meta jkun hemm it-three face tad-dawl, jiġu t-tekniċi biex jinstallawh.

11. Mario Salerno qal li l-proġetti li huma parzjalment imħallsa taħt diversi skemi dalwaqt ikunu lesti u dalwaqt ikollna żjara mis-Segretarju Parlamentari sabiex jara' l-progress fuq

dawn il-proġetti li ħafna minnhom huma iffinanzjati minn skemi li jaqgħu taħt id-dekaster tiegħu.

12. Mario Salerno qal li hu importanti li jinxtraw bnadar ġodda tal-kunsill għaliex dawk li hemm tqattgħu u mhux aktar preżentabli. Is-Sindku qal li Antonia tista' tordna sitta ġodda.

13. Mario Salerno jipproponi li għal żmien il-Milied, intellgħu attivita għall-familji. Is-Sindku qal li din l-attivita tkun self sustained. L-istess qed isir fuq żfin bħal Zumba li hemm domanda kbira għal dan il-kors.

14. Mario Salerno qal li għandu jintbagħat l-awguri lil Iskola Primarja San Benedettu u għal żmien il-Milied, il-kunsill għandu jagħti plakka kommemorattiva bħala rikonnoximent lejn l-akwist tal-Green Flag.

15. Is-Sindku qal li hemm bżonn li għas-seduta li jmiss, jingħata rendikont finanzjarju tal-kunsill u kif se jkun antiċipat li tingħalaq is-sena finanzjarja għas-sena 2010. Mario Salerno qal li fil-jiem li ġejjien, se jiltaqa' ma Ranier, Antonia u Johan Aquilina biex jagħmlu analiżi fuq il-qagħda finanzjarja. Is-Sindku iħeġġeġ lil kunsilliera biex jattendu għal din il-laqgħa.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

1. Il-Viċi Sindku beda billi staqsa, dwar kemm inkitbu individwi għal-kompetizzjoni tal-presepji.

Imbagħad, huwa qal li, skutu taż-Żurrieq ser jagħmlilna Christmas cakes żgħar, bil-prezz ta' madwar € 0.80c u ikollna nagħmlu maqwar 200 wieħed. Il-Viċ Sindku stqarr li huwa xtaq, li

meta jkunu ser jitqassmu dawn il-kejkijiet, il-kunsilliera flimkien mas-Sindku jduru d-djar tal-anzjani flimkien.

2. Dwar il-ħarġa tat-tfal, fiċ-ċinema, il-Viċi Sindku qal li Antonia qiegħdha tipprova li tkun għal-4 ta' Jannar 2010.

3. Is-Sur Carbone, qal li x-xogħol fuq l-installazzjoni tad-dawl, fil-kunsill il-ġdid għaddej b'ritmu mgħaġġel. Se jbatti ftit, peress li l-ħaddiema ser joħorġu bil-leave fit-tul. Stqarr, li kollha offrewlu, li jekk ikollu bżonnhom, lesti li jidħlu, basta ma jitilfux il-ġranet tal-leave li ma jilħqux jieħdu.

4. Il-Viċi Sindku, imbgħad semma l-problema li għandu, peress li għadu ma jafx x'airconditions ser jeħlu fis-sala ta' fuq. Dan ix-xogħol irid jitwettaq, qabel ma jsir is-suffett. L-aħjar ħaġa hi, li jekk tkun mgħarrfa x'tip ta' A/C ser jitewaħħlu, tinħareġ tender, jew jinġabru tlett quatations, biex jiġu mgħoddija l-pajpijiet mis-saqaf, kif ukoll jitgħaddew id-drains, qabel ma jsir is-suffett u qabel ma jitwaħħal il-madum.

Is-Sur Carbone kompla billi semma it-tqegħid tal-madum. Irrefera għal dak li s-Sindku staqsa lil ħaddiema, dwar it-tqegħid tal-madum. Meta s-sindku staqsiehom jekk humiex lesti li jqiegħduh, Mario Farrugia qal li hu iqiegħdu. Bir-rispett kollu, ma jġibux sewwa. Joe Camilleri qal lil ViċI sindku, li meta Mario Farrugia qiegħed tal-akkademja, tgħidx kemm qala warajh u kemm irranġa madum. Is-sur Carbone stqarr, li miegħu, stqarrew li qed jaqtgħu qalbhom minnu. Biex

iqiegħduh ħażin, aħjar inqiegħduh b’xi kuntrattur. Il-madum jitqiegħed darba għal-dejjem. Mhux sewwa li spiża bħal-dik, imbagħad ikollna madum imħanżer, kompla atqarr is-sur Carbone.

Imbagħad is-sur Carbone kompla jsemmi li jista jinxtara l-ġibs. Għax kif jitlestew il-pajpijiet, li mhumiex il-bogħod, jistgħu jibdew jiksu.

Il-Viċi sindku, imbagħad staqsa, għaliex il-bennej reġgħa ma ġiex biex inaddaf il-bitħa, u biex jagħmel is-saqaf tat-tromba. Il-bennej irid jagħmel il-lastku bejn il-qtugħ fil-kontra bejt.

Il-gallariji huma kważi lesti, anke r-rixtellu, daqt ikun lest. Jekk jitwaħħal ir-rixtellu qabel ma titranġa l-bitħa, ħsara tista tiġrilu. Is-sur carbone qal li xtaq javża, li jekk il-kuntrattur tax-xogħol tal-ferro battuto jċempel biex jiġi jqiegħed il-ġallarijji, min iwieġbu, għandu jinfurmah, biex ma jqiegħedx il-gallarija tan-nofs għalissa, għax iridu jdaħħlu t-torba ta’ taħt il-madum.

Il-viċi-sindku imbagħad kompla biex semma li l-kuntrattur tad-dawl, qiegħed idum biex jirranġa l-lampi maqtugħin. Staqsa jekk hux qiegħed isir ix-xogħol skond il-ġurnata li jmissna f’Ħal Kirkop?

Il-viċi sindku imbagħad semma li hemm diversi toroq li għandhom bżonn urġenti tal-patching, forsi l-aktar urġenti hija t-triq ta’ wara c-cimiterju, għax hemm ftit ħofor fondi mhux ħażin.

Is-sur Carbone kompla billi staqsa jekk il-Koptasin irrispondewx fuq l-istima għar-refreshing tas-sinjali tat-toroq.

5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts

1. Dan ix-xahar kellna bidla tal-ġardinar, għaliex il-ġardinar li kellna kellu diffikultajiet biex ikompli. Għalhekk sar ftehim bejn il-ġardinar li kellna u l-ġardinar li kien it-tieni bidder għall-kuntratt sabiex jieħu l-hand over b' tali mod li ma jkunx hemm skossi. Minn issa l-quddiem flok Robert Bondin Carter, Mario Borg se jieħu ħsieb il-ġonna.

2. Il-Kunsilliera Rose Roberts qalet ukoll li l-konkorrenza tal-anzjani għall-laqgħa tal-ħamis baqgħet b' saħħitha. Semmiet ukoll li saru xi xogħlijiet minn Salvu Debono u Leonardo Falzon fuq twaqqif ta' hand washing basin li kien meħtieġ biex ikun konformi tal-talba tas-sanita.

3. Rose Roberts semmiet ukoll li dalwaqt ikun hemm il-festa ta' San Martin u bħas-soltu ngħinuhom. Hija qalet li l-ammont ta' tfal li ma jkollhomx flus għal borza qed jiżdied. Il-kunsilliera spjegat kif hemm ħtieġa kbira biex dawn it-tfal tal-primarja u tas-sekondarja jingħataw l-għajnuna fl-eżitu tal-homework.

4. Rose qalet wkoll li minn dan ix-xahar bdejna servizz tal-Familjahort bis-sosteniment tal-proġett sostenibli. Hija spjegat kif il-bidu hu diffiċli, u rridu ż-żmien biex naqbdu u nifhmu s-sewwa l-aspett soċjali ta' dawn it-tfal li jiġu wara l-ħin tal-iskola ġewwa ċ-Ċentru Soċjali. Rose hi tal-fehma li kien aħjar li billi porzjoni tal-ikel hija kbira għad-daqs tat-tfal, kien ferm aħjar li t-tfal jieħdu l-ikel magħhom id-dar minħabba diversi raġunijiet fosthom li huma jridu jieklu f' ħin qasir u kultant huma jieħdu fit-tul biex inaqqru l-ikel bil-konsegwenza li jibqa' ħafna ikel moħli. Allura meta huma jieħdu l-ikel magħhom, jieklu wkoll ħuthom. It-tieni vantaġġ li jieħdu l-ikel id-dar hu ta' għajnuna li l-

ħin dedikat mill-għalliema jservi biex jiktbu u jitgħallmu u mhux jaħlu l-ħin fl-ikel. Għalhekk Rose qalet li rridu ż-żmien biex naraw kif nistgħu nużaw l-aħjar riżorsi u li tfal jieħdu l-aqwa minn dawn ir-riżorsi.

**6. Affarijiet oħra**

6.1. Is-Segretarju ipprezenta fuq il-mejda l-offerti kollha li intefgħa għat-tenders tar-restawrd ta' niċeċ, provvista u installazzjoni ta' erbgħa airconditioners cassette type u ta' sistema ta' CCTV cameras, fire u burglar alarms għall-binja tal-kunsill il-ġdid.

Is-Segretarju beda jaqra l-ismijiet ta' min tefa' l-offerti.

It-tender tar-restawr ta' niċeċ inġabret minn tlett kuntratturi u fors dawn l-offerti intgħażlet b'vot unanimu, l-offerta tas-Sur Paul Borg minħabba li kienet l-irħas offerta u li intgħġob ix-xogħol tiegħu.

Rigward it-tender ta' l-airconditioners cassette type is-Sur Joseph Carbone talab biex joħroġ mil-kamra minħabba konflitt ta' interess u il-Kunsill laqgħa din it-talba. Bħala offerti intefgħu sitt offerti u li minnhom intgħażlet unanimament tas-Sur Walter Camilleri minħabba ir-raġuni ta' kwalita li m'humiex ċiniżi. Il-Kunsill kollu qabel unanimament.

Is-Sur Carbone intalab jerġa jidħol għal aġġudikazzjoni.

Rigward it-tender tal-provvista u installazzjoni ta' CCTV, fire u burglar alarms il-Kunsill irċieva tmien offerti u li forsthom intgħażlet tas-Sur Pierre Zerafa għar-raġuni li kienet l-irħas offerta. Din id-deċiżjoni ittieħdet b'vot unanimu.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-pagamenti għaddew kollha. Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Joe Carbone.

## 8. Konklużjoni

8.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| Mario Salerno | Ranier Busuttil |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |